**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

# GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 23 ta' Jannar, 2001

**Numru 12**

**Avviz. numru 1177/00JR**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**David Mallia**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Awissu, 2000, fejn intalab il-hlas ta' sebgha u hamsin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm57.97) rapprezentanti access ghall-uzu ta' "mobile telephone" u "airtime" ghall-istess uzu ghall-perijodu mid-19 ta' Jannar, 1998, sas-16 ta' Ottubru, 1998;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni.**

**Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher.**

**Semgha x-xhieda ta' Dr. Anthony Vella ghas-socjeta` attrici li kkonferma li l-ammont ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba tas-socjeta` attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sebgha u hamsin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm57.97), bl-imghaxijiet legali mid-9 ta' Awissu, 2000.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**